**Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar "L-impatt tas-sussidjarjetà u r-regolamentazzjoni żejda fuq l-ekonomija u l-impjieg"**

**(Opinjoni esploratorja mitluba mill-Presidenza Awstrijaka)**

(2018/C 440/05)

Relatur: **Dimitris DIMITRIADIS**

Korelatur: **Wolfgang GREIF**

| | |
|---|---|
| Konsultazzjoni | Il-Presidenza Awstrijaka tal-Kunsill, 12.2.2018 |
| Bażi legali | Artikolu 304 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea |
| Sezzjoni kompetenti | Sezzjoni Speċjalizzata għas-Suq Uniku, il-Produzzjoni u l-Konsum |
| Adottata fis-sezzjoni | 4.9.2018 |
| Adottata fil-plenarja | 19.9.2018 |
| Sessjoni plenarja Nru | 537 |
| Riżultat tal-votazzjoni | 192/1/1 |
| (favur/kontra/astensjonijiet) | |

1. **Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet**

1.1. Il-KESE jilqa' t-talba tal-Presidenza Awstrijaka tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea għal Opinjoni esploratorja dwar "L-impatt tas-sussidjarjetà u r-regolamentazzjoni żejda fuq l-ekonomija u l-impjieg". Din iżżid il-valur u aktar aspetti għad-dibattitu li għaddej dwar it-tfassil aħjar tal-liġijiet sabiex tingħata ċertezza legali, regoli ċari u "l-piżijiet regolatorji fuq in-negozji, iċ-ċittadini u l-amministrazzjonijiet pubbliċi jinżammu għal minimu" ([1]). Il-livell eżistenti ta' protezzjoni taċ-ċittadini, il-konsumaturi, il-ħaddiema, l-investituri u l-ambjent fl-Istati Membri m'għandux ikun iddubitat fl-implimentazzjoni tal-leġislazzjoni tal-UE.

1.2. Il-KESE jtenni t-talba tiegħu li kwistjonijiet relatati mal-futur, inklużi d-dibattiti dwar kompetenzi u dwar il-livell tar-regolamenti, jridu jiġu indirizzati fil-livell nazzjonali u Ewropew bil-parteċipazzjoni sħiħa tal-imsieħba soċjali u organizzazzjonijiet oħrajn tas-soċjetà ċivili. Din hija espressjoni fundamentali tad-demokrazija parteċipattiva f'diversi livelli u għalhekk għandha tissaħħaħ fl-UE u l-Istati Membri.

1.3. Il-KESE jenfasizza l-importanza kbira tal-prinċipji tas-sussidjarjetà u l-proporzjonalità sabiex ikun provdut tfassil komprensiv u tajjeb tal-liġijiet Ewropej. Huwa jenfasizza li l-UE għandha tiffoka fuq l-oqsma li fihom id-dritt tal-UE jġib valur miżjud sinifikanti. Il-Kummissjoni Ewropea (KE) għandha għalhekk tidentifika kwistjonijiet li jeħtieġu li jkunu indirizzati verament fil-livell tal-UE bl-aktar mod effiċjenti. Kull meta d-deċiżjonijiet jeħtieġu li jittieħed kont xieraq tal-karatteristiċi nazzjonali, reġjonali u lokali, l-awtoritajiet rispettivi għandu jkollhom marġni ta' manuvra biex jispeċifikawhom, bl-involviment attiv tal-partijiet interessati rilevanti, inklużi l-imsieħba soċjali.

1.4. Hemm diversi fehmiet fi ħdan il-KESE rigward it-terminu "regolamentazzjoni żejda" li jirriflettu d-differenzi tal-fehmiet tal-atturi differenti. Għalkemm ma teżistix definizzjoni ċara, "regolamentazzjoni żejda" ġeneralment tirreferi għal sitwazzjoni li fiha l-Istati Membri jintroduċu rekwiżiti ogħla mill-minimu stipulat fil-leġislazzjoni tal-UE (prinċipalment direttivi) matul it-traspożizzjoni fil-liġi nazzjonali. Il-KE għandha tistabbilixxi gwida sabiex tgħin lill-Istati Membri jittrasponu b'mod korrett ir-rekwiżiti rispettivi ta' att legali filwaqt li jirrispettaw il-prinċipji ta' proporzjonalità u sussidjarjetà, kif ukoll kundizzjonijiet kompetittivi ġusti.

([1]) https://ec.europa.eu/info/law/law-making-process/planning-and-proposing-law/better-regulation-why-and-how_mt.

1.5. Il-KESE jinnota li – partikolarment fid-dawl tas-sussidjarjetà u l-proporzjonalità u f'konformità mad-dritt tal-UE – huwa fil-kompetenza unika tal-Istati Membri li jintroduċu miżuri addizzjonali minbarra dawk previsti mir-rekwiżiti (minimi) tal-UE sabiex jirriflettu l-karatteristiċi speċifiċi tagħhom. Dawn id-deċiżjonijiet għandhom isiru b'mod trasparenti, wara konsultazzjoni mas-sħab soċjali u mal-partijiet interessati, u għandhom ikunu konformi mal-leġislazzjoni tal-UE. F'dan ir-rigward, il-KESE ma jpoġġix fid-dubju s-sovranità, il-libertà u r-responsabbiltà tal-Istati Membri fl-istabbiliment ta' liġijiet u prattiki nazzjonali.

1.6. Il-KESE jistieden lill-istituzzjonijiet Ewropej u lill-Istati Membri biex isaħħu l-isforzi tagħhom biex inaqqsu l-piżijiet amministrattivi mhux raġonevoli sabiex tingħata spinta lit-tkabbir u l-ħolqien ta' impjiegi sostenibbli.

1.6.1. Fil-qafas tal-preparazzjoni tal-Qafas Finanzjarju Pluriennali (QFP) għall-perjodu 2021 -2027, il-KESE jħeġġeġ lill-KE sabiex tieħu miżuri malajr ħalli tindirizza piżijiet amministrattivi mhux meħtieġa li jfixklu bil-kbir l-investimenti tal-FSIE – għajnuna mill-istat, konformità tal-akkwist, prattiki tal-awditjar u dewmien fl-adozzjoni, jew saħansitra adozzjoni retroattiva, ta' gwida dettaljata universali.

1.6.2. Il-KESE jenfasizza li piż regolatorju u amministrattiv bla bżonn jirrappreżenta ostakli għall-massimizzar tal-benefiċċji u l-minimizzar tal-ispejjeż regolatorji għan-negozji, iċ-ċittadini u l-awtoritajiet pubbliċi. Huwa jtenni l-ħtieġa għal regolazzjoni ta' kwalità aħjar, semplifikata u konsistenti li għandha tkun mifhuma u implimentata sew, bl-involviment ugwalment indispensabbli tal-erba' livelli ta' governanza – UE, nazzjonali, reġjonali u lokali.

1.6.3. L-istess bħal fl-opinjonijiet preċedenti [2], il-KESE jirrakkomanda t-twettiq bir-reqqa ta' test tal-SMEs fil-valutazzjonijiet tal-impatt tal-KE.

1.7. Il-KESE jtenni li l-istandards minimi Ewropej, speċjalment fil-kuntest tal-politiki soċjali, ambjentali u tal-konsumatur tal-UE, jimmiraw għal approssimazzjoni tal-kundizzjonijiet tal-għajxien u tax-xogħol madwar l-UE lejn konverġenza 'l fuq. Standards minimi fid-direttivi tal-UE ma għandhomx jinftiehmu bħala "livell massimu", li qatt ma jiġu msaħħa matul it-traspożizzjoni tagħhom fis-sistemi legali nazzjonali. Fil-fehma tal-KESE, l-aċċettazzjoni popolari tal-proċess ta' integrazzjoni Ewropea, madankollu, m'għandhiex tkun ipperikolata minn kompetizzjoni regolatorja permezz ta' tnaqqis fil-livelli tal-istandards. Id-deċiżjonijiet kollha għandhom jittieħdu b'mod trasparenti u fi djalogu miftuħ mal-imsieħba soċjali u l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili.

## 2. **Introduzzjoni**

2.1. Il-Presidenza Awstrijaka tal-Kunsill tal-UE talbet Opinjoni esploratorja mill-KESE dwar "L-impatt tas-sussidjarjetà u r-regolamentazzjoni żejda fuq l-ekonomija u l-impjieg".

2.2. Il-KESE jinnota li t-talba tindirizza kemm il-prinċipju tas-sussidjarjetà kif ukoll ir-regolamentazzjoni żejda u twessa' d-dibattitu attwali dwar Regolamentazzjoni Aħjar, li l-KESE esprima l-fehmiet tiegħu dwarha f'diversi opinjonijiet adottati reċentement [3].

2.3. Il-kwistjoni tas-sussidjarjetà reċentement kisbet rilevanza ġdida, mhux l-inqas bil-White Paper dwar il-Ġejjieni tal-Ewropa. It-Task Force dwar is-Sussidjarjetà u l-Proporzjonalità, stabbilita mill-President tal-Kummissjoni Juncker f'Novembru 2017, ippreżentat rapport b'rakkomandazzjonijiet biex tittejjeb l-applikazzjoni tal-prinċipji tas-sussidjarjetà [4].

Il-KESE jqis li l-karattru tar-rapport huwa ristrett f'ċerti modi u jemmen li dan jirrifletti l-kompożizzjoni limitata tat-Task Force. Għalhekk, jissuġġerixxi bil-qawwa li fl-avvenimenti ta' segwitu jiġu inklużi r-rappreżentanti tas-soċjetà ċivili b'mod attiv. Il-Kumitat iqis bħala urġenti li jiġu indirizzati l-proporzjonalità tal-azzjoni Ewropea u, aktar importanti minn hekk, l-oqsma li fihom l-UE għandha tintensifika, tnaqqas jew saħansitra tiffriża l-azzjoni tagħha f'konformità mal-interessi taċ-ċittadini, l-ekonomija u interessi soċjetali oħrajn.

2.4. Għall-KESE, dawn il-kwistjonijiet relatati mal-ġejjieni għandhom jiġu indirizzati fil-livell nazzjonali u tal-UE bil-parteċipazzjoni tal-imsieħba soċjali u organizzazzjonijiet oħrajn tas-soċjetà ċivili. Il-fatt li jingħataw l-istess ammont ta' spazju daqs il-livell lokali u reġjonali fit-tħejjija u l-implimentazzjoni tal-politiki nazzjonali u tal-UE jkun jikkontribwixxi b'mod dirett fil-prattika viżibbli tas-sussidjarjetà orizzontali.

---

[2] ĠU C 197, 8.6.2018, p. 1.
[3] ĠU C 434, 15.12.2017, p. 11; ĠU C 13, 15.1.2016, p. 192; ĠU C 303, 19.8.2016, p. 45; ĠU C 487, 28.12.2016, p. 51; ĠU C 262, 25.7.2018, p. 22.
[4] https://ec.europa.eu/commission/sites/beta-political/files/report-task-force-subsidiarity-proportionality-doing-less-more-efficiently_1.pdf

2.5. Il-KESE jilqa’ r-rikonoxximenti tal-Presidenza Awstrijaka tal-valur li jiġi inkluż l-għarfien espert wiesa’ tal-imsieħba soċjali u l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili fit-tfassil, l-implimentazzjoni u l-evalwazzjoni tal-azzjoni politika fil-livell nazzjonali u tal-UE. Din hija espressjoni fundamentali tad-demokrazija parteċipattiva f’diversi livelli u għalhekk għandha tissaħħaħ fl-UE u l-Istati Membri.

2.6. F’dan ir-rigward, il-KESE jappella lit-Task Force tqis kif xieraq l-opinjonijiet tiegħu dwar is-sussidjarjetà u l-proporzjonalità, li huma wkoll il-bażi tal-kummenti u r-rakkomandazzjonijiet f’din l-Opinjoni.

3. **Il-prinċipju tas-sussidjarjetà**

3.1. Il-prinċipju tas-sussidjarjetà stabbilit fl-Artikolu 5 tat-TUE huwa maħsub biex jiżgura li l-azzjoni tal-UE ma tmurx lil hinn minn dak li hu meħtieġ biex jinkisbu l-għanijiet tat-Trattat u li l-UE taġixxi biss f’dawk l-oqsma li ma jaqgħux taħt il-kompetenza esklużiva tagħha jekk l-objettivi ta’ miżura leġislattiva jistgħu jintlaħqu b’mod aktar effettiv fil-livell tal-UE milli fil-livell nazzjonali, reġjonali jew lokali.

3.2. Il-KESE jenfasizza l-importanza kbira li dawn il-prinċipji f’komunità sovranazzjonali bħall-UE u jilqa’ espressament l-istrumenti stabbiliti mit-Trattat ta’ Lisbona biex tintlaħaq konformità mal-prinċipju tas-sussidjarjetà – mir-reviżjoni tas-sussidjarjetà qabel l-adozzjoni ta’ att leġislattiv sal-ilmenti tas-sussidjarjetà mill-korpi leġislattivi nazzjonali.

3.3. Il-KESE jenfasizza wkoll li l-oqsma kollha previsti mit-TFUE jeħtieġu Ewropa li tiffunzjona tajjeb u li l-prinċipju tas-sussidjarjetà ma għandux jintuża kontra l-azzjoni tal-UE, li għandha valur miżjud Ewropew ċar, biex tingħata preċedenza a priori lill-approċċi nazzjonali jew saħansitra biex l-UE tiġi rtirata minn oqsma ewlenin ta’ politika minn qabel. Għandhom ikunu adottati biss ir-regoli b’valur miżjud Ewropew. Il-KESE jemmen li l-isfidi li qed jiffaċċja bħalissa l-kontinent ma jitolbux li jkun hemm rinazzjonalizzazzjoni li twassal għal “anqas Ewropa”, iżda pjuttost miżuri aktar kuraġġużi biex tinkiseb Ewropa aħjar, li hi eqreb għaċ-ċittadini u tippromovi wkoll il-koeżjoni.

3.4. Il-KESE jirrikonoxxi li r-rwol tal-Istati Membri fl-implimentazzjoni tal-leġislazzjoni tal-UE huwa partikolarment kruċjali fil-każ tat-traspożizzjoni tad-direttivi, li huma vinkolanti fir-rigward tar-riżultat li għandu jinkiseb, iżda li jħallu f’idejn l-awtoritajiet nazzjonali l-għażla tal-forom u metodi ta’ implimentazzjoni kif ukoll biex jiddeċiedu – f’konformità mad-dritt tal-UE – biex itejbu l-istandards jekk dan jitqies utli. Fl-istess ħin, it-traspożizzjoni m’għandhiex ixxekkel il-kundizzjonijiet kompetittivi ġusti bejn l-atturi kollha tas-Suq Intern, li huwa rekwiżit importanti għall-funzjonament korrett tiegħu.

3.5. Filwaqt li l-Istati Membri huma responsabbli mit-traspożizzjoni tad-direttivi b’mod preċiż u fil-ħin, huwa r-rwol tal-Kummissjoni bħala Gwardjan tat-Trattati li tiżgura l-implimentazzjoni xierqa fil-livell nazzjonali. Ir-“responsabbiltà kondiviża” għandha tkun viżibbli b’mod ċar sa mill-bidu nett tal-proċess leġislattiv: implimentazzjoni tajba tiddependi fuq valutazzjoni tal-impatt ċara, trasparenti u komprensiva bħala l-bażi ta’ dritt ġdid tal-UE, lingwaġġ ċar u sempliċi tal-proposta u skadenzi realistiċi għall-implimentazzjoni.

3.6. Il-KESE jwissi li, anke meta r-rekwiżiti msemmijin hawn fuq ikunu sodisfatti, madankollu, l-implimentazzjoni fil-livelli nazzjonali, reġjonali u lokali tista’ tirriżulta insuffiċjenti u/jew ineffettiva. F’dan ir-rigward, itenni l-appell fuq il-KE sabiex issaħħaħ l-isforzi tagħha b’mod sistematiku f’konformità mal-kompetenzi tagħha sabiex issegwi l-każijiet b’aktar ħeffa u rigorożità fejn l-Istati Membri jittrasponu l-leġislazzjoni tal-UE b’mod żbaljat jew ifallu milli jagħmlu dan ([5]) wara li jkunu esplorati l-opzjonijiet kollha ta’ kooperazzjoni.

3.7. Il-KESE jinnota li għadd ta’ impenji legali u politiċi tqiesu bħala tiġbid żejjed tal-kompetenza tal-istituzzjonijiet tal-UE u li jinterferixxu mad-dominji u l-għażliet tal-Istati Membri (pereżempju relazzjonijiet industrijali nazzjonali u inizjattivi tat-trejdjunjins; pensjonijiet, saħħa u sistemi ta’ sigurtà soċjali oħrajn jew regolamenti professjonali, pereżempju kriterji ta’ kwalifikazzjoni fis-settur tas-saħħa).

([5]) ĠU C 18, 19.1.2017, p. 10,

Għalhekk, il-KESE bl-istess mod joġġezzjona mhux biss għal dan it-tiġbid żejjed tal-kompetenzi mill-istituzzjonijiet tal-UE iżda wkoll għat-trasferiment ta' oqsma regolatorji importanti tat-TFUE bħal, pereżempju, il-ħarsien tal-konsumatur, l-istandards tal-ħarsien tal-ambjent u l-politika soċjali Ewropea għal-livell nazzjonali taħt il-pretest tas-sussidjarjetà.

## 4. **Nevitaw il-piż regolatorju u amministrattiv bla bżonn – ir-"regolamentazzjoni żejda"**

### 4.1. *Id-dibattitu dwar ir-"regolamentazzjoni żejda"*

4.1.1. Meta jkunu qed jittrasponu l-leġislazzjoni tal-UE, l-Istati Membri xi kultant jintroduċu miżuri aktar stretti jew avvanzati minn dawk stabbiliti mir-rekwiżiti fil-leġislazzjoni tal-UE (prinċipalment direttivi) jew ma jużawx l-opzjonijiet offruti mid-direttiva għal simplifikazzjoni possibbli. Dan il-fenomenu f'ħafna dokumenti jissejjaħ "regolamentazzjoni żejda". Fl-ewwel każ jitqies bħala "regolamentazzjoni żejda attiva" u fit-tieni każ bħala "regolamentazzjoni żejda passiva".

4.1.2. Il-KESE għandu fehmiet diversi fir-rigward tar-"regolamentazzjoni żejda" li jirriflettu wkoll id-differenzi tal-fehmiet fost l-atturi varji. Għal xi partijiet interessati dan jitqies bħala eċċess ta' liġijiet, linji gwida u proċeduri akkumulati fil-livelli nazzjonali, reġjonali u lokali, li joħloq piż amministrattiv bla bżonn u jinterferixxi mal-għanijiet tal-politika mistennija li jridu jinkisbu permezz tar-regolament traspost. Madankollu, partijiet interessati oħrajn huma tal-opinjoni li l-użu tat-terminu stigmatizzat "regolamentazzjoni żejda" jirriskja li jixħet dubju dwar xi standards adottati demokratikament minn Stati Membri avvanzati u introdotti fis-sistemi legali tagħhom, partikolarment fl-oqsma tax-xogħol, tal-konsumatur u tal-liġi ambjentali, kif ukoll fir-rigward ta' professjonijiet liberi.

4.1.3. Il-KESE jappella għal approċċ prammatiku u bbilanċjat u għall-finijiet ta' din l-Opinjoni ser jiffoka fuq terminoloġija newtrali u aktar preċiża – b'konformità mal-Ftehim Interistituzzjonali dwar ir-Regolamentazzjoni Aħjar ta' Mejju 2016.

### 4.2. *Id-definizzjoni ta' "regolamentazzjoni żejda"*

4.2.1. Il-KESE jissuġġerixxi li r-"regolamentazzjoni żejda" tiġi definita b'mod aktar preċiż. Għal każijiet fejn Stati Membri jittrasponu l-kontenut tal-leġislazzjoni tal-UE b'mod aktar ambizzjuż (dwar is-sustanza jew proċeduralment) jew jirsistu biex ikunu konsistenti mal-leġislazzjoni nazzjonali, jistgħu jintużaw espressjonijiet bħal "dispożizzjonijiet aktar avvanzati", "dispożizzjonijiet aktar stretti" jew "rekwiżiti ogħla". L-espressjoni "regolamentazzjoni żejda" għandha tkun limitata għal każijiet ta' żidiet mhux raġonevoli u mhux meħtieġa mal-leġislazzjoni tal-UE matul it-traspożizzjoni tagħha fil-liġi nazzjonali, li ma jistgħux jiġu ġġustifikati fid-dawl ta' għan wieħed jew aktar tal-miżura proposta jew li joħolqu piż amministrattiv addizzjonali bla bżonn. Fi kwalunkwe każ, l-espressjoni "regolamentazzjoni żejda" hija ġenerali ħafna, it-traduzzjoni tagħha f'bosta lingwi nazzjonali hija qarrieqa u għandha tiġi sostitwita b'terminu ferm aktar konkret.

4.2.2. Indipendentement mit-terminoloġija (u anke meta t-terminu "regolamentazzjoni żejda" jista' jintuża), il-KESE jtenni li dan il-kunċett, b'mod partikolari, m'għandux jirreferi għal:

— Restrizzjoni ta' standards stabbiliti f'oqsma bħal-liġi soċjali, ambjentali, tal-konsumatur jew dwar ix-xogħol waqt it-traspożizzjoni u l-implimentazzjoni tal-leġislazzjoni tal-UE;

— Miżuri nazzjonali li m'għandhom l-ebda rabta (objettiva jew temporali) mat-traspożizzjoni tal-liġi tal-UE;

— Nissodaw id-dispożizzjonijiet ġenerali tad-dritt tal-UE matul it-traspożizzjoni tiegħu (pereżempju, l-istabbiliment ta' sanzjonijiet legali konkreti f'każijiet ta' ksur);

— Applikazzjoni ta' waħda mid-diversi għażliet espliċiti għat-traspożizzjoni tad-dritt tal-UE;

— Dispożizzjonijiet nazzjonali avvanzati li jmorru lil hinn mill-istandards minimi bbażati fuq "klawsoli ta' nuqqas ta' rigressjoni" fid-dritt tal-UE;

— Applikazzjoni tal-kontenut ta' direttiva għal każijiet simili sabiex tkun żgurata l-koerenza u l-konsistenza tal-liġijiet nazzjonali.

4.2.3. Il-KESE jtenni li l-prinċipju tas-sussidjarjetà jippermetti lill-Istati Membri biex jintroduċu miżuri aktar stretti, jeżerċitaw id-dritt tagħhom biex jiżguraw l-ilħuq ta' għanijiet differenti (eż. ekonomiċi, soċjali jew ambjentali) u biex juru l-impenn tagħhom fir-rigward ta' livell għoli ta' protezzjoni, għall-karattru speċifiku ta' strumenti legali bħal "direttivi", kif ukoll għal ċerti limiti ta' kompetenzi. Il-KESE jenfasizza li dawn l-impenji aktar stretti għandhom jittieħdu biss wara dibattitu trasparenti u inkluživ mal-imsieħba soċjali u l-partijiet interessati u fi spirtu ta' fehim reċiproku u ta' proċess ta' teħid ta' deċiżjonijiet ibbilanċjat.

4.3. *"Regolamentazzjoni żejda" u Regolamentazzjoni Aħjar*

4.3.1. Fil-kuntest tal-aġenda għal Regolamentazzjoni Aħjar, il-KE tirrikonoxxi d-dritt tal-Istati Membri li jmorru lil hinn mill-istandards stipulati fil-leġislazzjoni tal-UE ("regolamentazzjoni żejda"), iżda hija mħassba dwar in-nuqqas ta' trasparenza f'dan ir-rigward. Ir-Renju Unit, in-Netherlands, il-Belġju, il-Ġermanja u l-Awstrija stabbilixxew is-sistemi tagħhom sabiex jidentifikaw każijiet ta' "regolamentazzjoni żejda". Fir-Renju Unit u fin-Netherlands, ir-"regolamentazzjoni żejda" hija rregolata minn politiki uffiċjali ċentralizzati, bil-għan li jitrawwem it-tkabbir ekonomiku.

4.3.2. Il-KESE mhu qiegħed bl-ebda mod jiddubita mid-dispożizzjonijiet tat-Trattat eżistenti, b'mod partikolari l-kompetenzi tal-UE jew ta' Stat Membru, iżda jtenni l-importanza li jkunu rispettati "il-prinċipji ġenerali tal-liġi tal-Unjoni, bħal-leġittimità demokratika, is-sussidjarjetà u l-proporzjonalità, u ċ-ċertezza legali". Dan ifisser, inter alia, li jkunu rispettati r-responabbiltà, il-libertà u s-sovranità demokratika tal-Istati Membri sabiex ifasslu liġijiet u prattiki nazzjonali li jqisu b'mod xieraq ir-rwol tal-imsieħba soċjali f'dan ir-rigward. Il-KESE dejjem kien favur il-promozzjoni tas-sempliċità, iċ-ċarezza u l-konsistenza fl-abbozzar tal-leġislazzjoni tal-Unjoni, kif ukoll trasparenza akbar fil-proċess leġislattiv.

4.3.3. Il-KESE esfasizza ripetutament li "Ir-regolamentazzjoni Ewropea hija fattur ta' integrazzjoni essenzjali li ma tikkostitwixxix piżijiet jew spejjeż li jridu jitnaqqsu. Jekk tkun proporzjonata kif xieraq, għall-kuntrarju hija garanzija ta' protezzjoni, ta' promozzjoni u ta' sigurtà legali importanti għall-atturi u ċ-ċittadini Eworpej kollha" ([6]). Hu jtenni l-opinjoni tiegħu li l-leġislazzjoni hija essenzjali sabiex jintlaħqu l-għanijiet tat-Trattat u jinħoloq l-ambjent ġust għal tkabbir intelliġenti, sostenibbli u inkluživ li jkun ta' benefiċċju għall-pubbliku, in-negozji u ċ-ċittadini ([7]). F'konformità mal-Artikolu 3 tat-TFUE, il-leġislazzjoni tgħin ukoll fit-titjib tal-benesseri, fil-ħarsien tal-interess ġenerali u tad-drittijiet fundamentali, fil-promozzjoni ta' livell għoli ta' protezzjoni soċjali u ambjentali u fl-iżgurar taċ-ċertezza u l-prevedibbiltà ġuridika. Hija għandha timpedixxi wkoll d-distorsjoni tal-kompetizzjoni u d-dumping soċjali ([8]).

4.3.4. Fl-andament tat-traspożizzjoni tad-direttivi, l-Istati Membri xi drabi jżidu elementi li ma għandhom l-ebda rabta ċara mal-leġislazzjoni kkonċernata tal-Unjoni Ewropea. Il-KESE jaħseb li dawn is-supplimenti għandhom isiru evidenti jew permezz tat-traspożizzjoni tal-liġi jew permezz ta' dokumenti relatati magħhom. Il-leġittimità tal-Istati Membri biex jikkomplementaw l-atti tal-UE bħala r-riżultat ta' armonizzazzjoni minima għandha, b'mod ġenerali, tiġi rikonoxxuta sakemm tkun trasparenti u tirrispetta l-prinċipji tan-nondiskriminazzjoni u l-proporzjonalità. Hemm ħafna eżempji ta' traspożizzjonijiet mhux minimalistiċi ta' direttivi fl-Istati Membri li jistgħu jidhru fir-regolamentazzjoni żejda.

4.3.5. Fejn l-armonizzazzjoni hija minima, il-KESE jenfasizza li l-Istati Membri huma kapaċi jabbozzaw dispożizzjonijiet li jfittxu li jiksbu l-ħolqien tal-impjiegi, għajxien u kundizzjonijiet ta' xogħol aħjar, protezzjoni soċjali adegwata, rata ta' impjieg għolja u sostenibbli, kif ukoll il-ġlieda kontra l-esklużjoni (Artikolu 151 tat-TFUE), il-promozzjoni u l-iżvilupp tal-SMEs u standards għoljin ta' saħħa u ta' protezzjoni tal-konsumatur (Artikoli 168 u 169 tat-TFUE), kif ukoll il-protezzjoni fl-isfera ambjentali (Artikolu 191 tat-TFUE) – mingħajr, madankollu, ma jinħoloq piż regolatorju u amministrattiv bla bżonn.

4.4. Il-KESE jemmen li l-miżuri li ġejjin ser jgħinu biex jiġi evitat piż regolatorju u amministrattiv bla bżonn:

— Il-KE għandha twettaq valutazzjonijiet tal-impatt integrati matul il-leġislazzjoni Ewropea filwaqt li tqis kif xieraq il-piż bla bżonn u kwalunkwe impatt ieħor għal kwalunkwe test regolatorju sostanzjali;

— Il-liġijiet tal-UE għandhom jiġu vvalutati fuq il-merti tagħhom stess, fuq bażi ta' każ b'każ, sabiex tintlaħaq armonizzazzjoni mmirata li tippermetti, skont iċ-ċirkustanzi, forma ta' armonizzazzjoni li hija avvanzata f'ċerti oqsma u inqas f'oħrajn. Huwa f'idejn il-KE li tipproponi, permezz ta' valutazzjonijiet tal-impatt, l-aktar livell xieraq ta' armonizzazzjoni, filwaqt li tqis il-ħtieġa għal livell għoli ta' protezzjoni;

([6]) Ara *inter alia* punt 1.2 tal-Opinjoni tal-KESE dwar ir-REFIT (ĠU C 303, 19.8.2016, p. 45).
([7]) COM(2012) 746 final, p. 2.
([8]) ĠU C 303, 19.8.2016, p. 45, pt 2.1.

— Meta jkunu qed jittrasponu l-leġislazzjoni tal-UE, l-Istati Membri fil-livell nazzjonali u reġjonali għandhom ikunu kompletament trasparenti dwar kwalunkwe rekwiżit supplimentari li jista' jaffettwa b'mod negattiv is-Suq Uniku, il-kompetittività u t-tkabbir;

— Il-fatt li Stat Membru wieħed jimponi regoli anqas stretti minn ieħor ma jfissirx awtomatikament li r-regoli ta' dan tal-aħħar huma sproporzjonati u inkompatibbli mad-dritt tal-UE. Huwa f'idejn l-Istat Membru li jivvaluta fuq bażi ta' każ b'każ, filwaqt li jqis il-perspettivi tal-partijiet interessati kollha u l-kuntest regolatorju fl-intier tiegħu; Il-Valutazzjoni tal-Impatt tista' tkun għodda importanti għal dak il-għan;

— Kwalunkwe rekwiżiti addizzjonali matul it-traspożizzjoni tad-direttivi għandhom ikunu akkumpanjati minn dokumenti li jiddikjaraw raġunijiet speċifiċi b'mod trasparenti għal dawn iż-żidiet.

4.5. Sabiex tevita milli tpoġġi lill-impriżi u partijiet interessati oħrajn fi żvantaġġ kompetittiv fil-konfront tal-kontropartijiet tagħhom fi Stati Membri oħrajn, il-KE għandha tistabbilixxi gwida sabiex tgħin lill-Istati Membri jittrasponu b'mod korrett ir-rekwiżiti ta' att legali, filwaqt li jkunu rispettati l-prinċipji tal-proporzjonalità u tas-sussidjarjetà u kundizzjonijiet kompetittivi ġusti. F'dan ir-rigward, il-KESE jtenni t-talba tiegħu għall-ogħla involviment possibbli tal-imsieħba soċjali u interessi relevanti oħrajn fl-eżerċizzji ta' traspożizzjoni kif ukoll l-involviment b'saħħtu tal-Istati Membri u tal-parlamenti nazzjonali u reġjonali fil-valutazzjonijiet ex post rispettivi ([9]).

4.6. Ir-rakkomandazzjonijiet tal-KESE għal traspożizzjoni effiċjenti:

4.6.1. L-Istati Membri għandhom jagħtu attenzjoni lill-iskadenzi ta' implimentazzjoni rilevanti sabiex jippermettu biżżejjed żmien għal konsultazzjonijiet mal-partijiet interessati rilevanti kollha:

— Meta jkunu qed jitħejjew il-pożizzjonijiet tal-qafas nazzjonali għan-negozjati inizjali fil-korpi ta' ħidma tal-Istati Membri, għandha tingħata attenzjoni għall-iskadenza tat-traspożizzjoni;

— Huma għandhom jivverifikaw jekk id-direttivi tal-UE jipprevedux għal żewġ skadenzi, waħda għall-produzzjoni ta' leġislazzjoni nazzjonali ta' implimentazzjoni u l-oħra li tikkonċerna d-data, li fiha l-leġislazzjoni għandha tieħu effett legali;

— L-iskadenza tat-traspożizzjoni għandha tkun segwita u mmonitorjata tul il-proċess leġislattiv kollu;

— Il-pjanijiet ta' implimentazzjoni tal-KE jipprovdu appoġġ u assistenza.

4.6.2. Konsultazzjonijiet:

— Fil-livell tal-UE, l-assistenza tal-KE pprovduta matul il-proċess ta' implimentazzjoni, bħar-rakkomandazzjonijiet u d-diskussjonijiet fil-gruppi tal-esperti tista' tkun utli u tikkontribwixxi għal fehim komuni fost l-Istati Membri;

— Il-Kummissjoni Ewropea għandha taġġusta l-metodoloġija eżistenti tat-traspożizzjoni (linji gwida) mhux biss biex tiżgura li t-traspożizzjoni tad-direttivi ma tkunx kunfliġġenti mad-dritt tal-UE iżda wkoll biex tkun salvagwardjata l-effettività tat-traspożizzjoni;

— Il-provvediment mill-KE ta' pjattaformi onlajn speċjalizzati (bħala l-interfaċċa ta' notifika elettronika eżistenti) jew ta' bażi tad-data elettronika għal partijiet konkreti tad-dritt tal-UE għall-kondiviżjoni tal-aħjar prattiki jista' jiġi żviluppat ulterjorment. Il-governanza f'diversi livelli għandha titrawwem u għandha tinkludi l-partijiet interessati rilevanti kollha.

4.6.3. It-terminoloġija u l-atti delegati:

— L-Istati Membri huma mħeġġa jivverifikaw it-test maqbul u preċiż matul il-proċess kollu tan-negozjati fil-Kunsill;

— Termini u definizzjonijiet bażiċi għandhom ikunu ddefiniti b'mod ċar mill-aktar fis possibbli fi stadju bikri tan-negozjati;

— It-tifsiriet differenti ta' termini u definizzjonijiet fl-Istati Membri għandhom jiġu kkunsidrati mill-KE;

([9]) ĠU C 262, 25.7.2018, p. 22 pt. 1.2.

— Definizzjonijiet f'parti speċifika tal-leġislazzjoni għandhom ikunu konsistenti ma' dawk f'leġislazzjonijiet oħrajn tal-UE;

— L-atti delegati għandhom ikunu soġġetti għal rekwiżiti skont l-Artikolu 290 tat-TFUE, filwaqt li jipprovdu definizzjonijiet ċari u espliċiti fit-test leġislattiv bażiku;

— L-atti delegati għandhom ikunu kkunsidrati biss għall-elementi mhux essenzjali tal-att leġislattiv u dawn il-partijiet biss jistgħu jiġu ssupplimentati jew emendati ([10]).

## 5. **Żoni sensittivi speċifiċi**

5.1. *Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej (FSIE)*

5.1.1. Il-politika ta' koeżjoni Ewropea, jiġifieri l-Fondi Strutturali u l-Fond Soċjali Ewropew b'mod partikolari, huma implimentati f'ambjent amministrattiv, istituzzjonali u regolatorju kumpless u huma qasam speċifiku fejn it-traspożizzjoni bla bżonn u ta' piż jista' jkollha effett negattiv fuq il-politiki tal-UE. F'dan il-kuntest, ir-regoli nazzjonali u/jew reġjonali ta' spiss "iżidu ma'" aktar milli jiżguraw biss li r-rekwiżiti minimi (Ewropej) qed ikunu indirizzati. Ħafna minn dawn ir-regoli jwasslu għal piż amministrattiv addizzjonali. Għandu jiġi nnutat li rekwiżiti addizzjonali ta' spiss jistrieħu fuq is-suppożizzjoni li dawn ikunu importanti, utli, meħtieġa, u r-riżultat ta' proċess demokratiku.

5.1.2. Fil-qafas tat-tħejjija tal-QFP għall-perjodu 2021-2027, il-KESE jħeġġeġ lill-KE sabiex tieħu miżuri malajr biex tindirizza l-piż amministrattiv bla bżonn li jfixkel ħafna l-investimenti tal-FSIE – għajnuna mill-istat, il-konformità tal-akkwisti, prattiki tal-awditjar u dewmien fl-adozzjoni, jew saħansitra adozzjoni retroattiva, ta' gwida dettaljata universali. It-tnaqqis, jew l-evitar, tal-piż amministrattiv bla bżonn huwa responsabbiltà konġunta tal-atturi kollha.

5.1.3. Prattiki mhux xierqa jistgħu jiġġeneraw nuqqas ta' fiduċja fis-sistema tal-implimentazzjoni tal-FSIE b'mod ġenerali. Dawn jinkludu approċċ avvers għar-riskju fil-livelli kollha, nuqqas ta' konsistenza fl-interpretazzjoni ta' tweġibiet minn Direttorati Ġenerali differenti tal-KE, lakuni persistenti fl-armonizzazzjoni tar-regoli tal-FSIE fil-livell nazzjonali, lokali u reġjonali, biża' ta' nuqqas ta' konformità mar-regoli dwar l-għajnuna mill-istat, approċċi differenti bejn il-livell Ewropew (b'enfasi fuq it-trasparenza) u l-livell nazzjonali (b'enfasi fuq il valur għall-flus) fir-rigward tal-politika tal-akkwist pubbliku u d-differenzi fil-kulturi amministrattivi nazzjonali.

5.1.4. Prattiki mhux xierqa jistgħu jaffettwaw ħażin ukoll il-benefiċjarji kif ukoll korpi tal-programmi u jżidu l-ispejjeż amministrattivi u l-piż tal-implimentazzjoni tal-FSIE, filwaqt li jagħmluh inqas attraenti. Minħabba n-nuqqas ta' sistemi alternattivi għas-soluzzjoni tat-tilwim, l-SMEs jistgħu jkunu affettwati ħażin permezz ta' pagamenti tard, piżijiet amministrattivi żejda, kontroll mhux xieraq, rifjut ta' proġetti, esklużjoni minn azzjonijiet kollettivi, eċċ. Għal dawn ir-raġunijiet, il-KESE jappella għall-ħolqien ta' sistemi speċjalizzati għas-soluzzjoni tat-tilwim.

5.1.5. Rakkomandazzjonijiet għal azzjoni futura għall-perjodu 2021–2027:

5.1.5.1. It-tnaqqis ta' piżijiet amministrattivi fil-qasam tal-ġestjoni u l-kontroll:

— Azzjoni rapida fil-livell tal-UE u dak nazzjonali biex ikunu identifikati u, jekk possibbli, eliminati prattiki, proċessi u proċeduri li ma għadhomx meħtieġa u biex ikunu suġġeriti soluzzjonijiet aktar effettivi bbażati fuq prattiki tajbin;

— "Ġestjoni kondiviża" hija kawża sostanzjali għall-kumplessità tal-FSIE. L-"approċċ integrat", fejn l-amministrazzjoni u l-kontroll tal-FSIE jitwettqu abbażi ta' standards nazzjonali ("ġestjoni devoluta"), għandu jiġi applikat;

— L-Istati Membri għandhom iwettqu awtorieżami tas-sistemi ta' awditjar, ġestjoni u kontroll tagħhom bil-għan li jindividwaw u jeliminaw regoli eċċessivi u duplikati, filwaqt li fl-istess ħin jissalvagwardjaw l-użu korrett tal-fondi tal-UE;

— Il-KE għandha tqis aħjar l-intensità tal-għajnuna u l-ispeċifiċitajiet tal-mudelli u mekkaniżmi ta' implimentazzjoni differenti (jiġifieri għotjiet, strumenti finanzjarji, spejjeż semplifikati, eċċ.) meta tiżviluppa regoli u proċeduri rilevanti.

([10]) CES248-2013 (Rapport ta' Informazzjoni) (ĠU C 13, 15.1.2016, p. 145).

5.1.5.2. Il-KESE jappella għas-semplifikazzjoni u l-integrazzjoni tar-regoli dwar l-għajnuna mill-istat, inkluż bit-tneħħija tas-sorsi kollha ta' inċertezza fl-applikazzjoni tagħhom. L-emendi possibbli għandhom jitqiesu, inkluż fir-rigward tar-regoli applikabbli fejn meħtieġ, sabiex il-proġetti simili tal-FSIE jiġu trattati bl-istess mod bħal dawk iffinanzjati mill-FEIS u programmi ġestiti direttament mill-KE, bħal Orizzont 2020. Fl-istess ħin, il-KESE jwissi li n-noti ta' gwida u interpretazzjoni u d-dokumenti abbażi ta' mistoqsijiet u tweġibiet għandhom ikunu limitati, sabiex ma jsirux saff ieħor ta' leġislazzjoni de facto. Huwa jirrakkomanda li dawn ikunu sostitwiti b'disseminazzjoni mifruxa ta' prattiki tajbin, u li tkun evitata l-applikazzjoni retroattiva. Jappella lill-KE sabiex tastjeni ruħha milli tħejji linji gwida li jkunu validi għall-Istati Membri kollha abbażi ta' talba jew problemi fi Stat Membru wieħed jew f'għadd żgħir ta' Stati Membri.

5.1.5.3. Sabiex ikunu indirizzati l-approċċi differenti meta jiġu trattati r-regoli tal-akkwist, il-KESE jissuġġerixxi l-ħolqien ta' task force ta' grupp konġunt li tikkonsisti mid-Direttorati Ġenerali rilevanti u rappreżentanti tal-Fondi li jinterpretaw b'mod konsistenti r-regoli meta meħtieġ u jipprovdu parir konsistenti u approċċ uniformi ta' korrezzjonijiet finanzjarji.

5.1.5.4. Il-KESE huwa tal-fehma li s-sussidjarjetà għandha tiġi applikata aħjar fl-implimentazzjoni tal-FSIE, filwaqt li l-verifika tar-rispett tar-regoli nazzjonali titħalla f'idejn l-awtoritajiet nazzjonali. Huwa jistieden lill-Istati Membri sabiex jagħmlu użu sħiħ mill-opzjonijiet ta' semplifikazzjoni provduti fil-perjodu ġdid ta' programmazzjoni u biex joqogħdu lura mir-regolamentazzjoni żejda, li hawnhekk hija marbuta mal-istandards, il-linji gwida u l-proċeduri ta' implimentazzjoni kollha li jistgħu jiġu kkunsidrati bħala mhux meħtieġa fir-rigward tal-għanijiet ta' politika stabbiliti mill-Awtoritajiet Maniġerjali, u biex jeliminaw il-piż amministrattiv bla bżonn.

5.2. *Lejn Regolamentazzjoni Aħjar*

5.2.1. Il-KESE jenfasizza li piż regolatorju u amministrattiv bla bżonn jirrappreżenta ostakli għan-negozji, iċ-ċittadini u l-awtoritajiet pubbliċi. Huwa jtenni l-ħtieġa għal regolazzjoni ta' kwalità aħjar, semplifikata u konsistenti li għandha tkun mifhuma sew u implimentata b'mod trasparenti, bl-involviment ugwalment indispensabbli tal-erba' livelli ta' governanza – UE, nazzjonali, reġjonali u lokali.

5.2.2. Ċerti Stati Membri għandhom Kumitati Nazzjonali u l-gvernijiet iridu jiġġustifikaw regolamentazzjoni iżjed stretta mil-livelli minimi previsti fil-leġislazzjoni tal-UE (ir-regolamentazzjoni żejda) ma' dawn il-kumitati. Fi Stati Membri fejn dawn il-korpi ma jeżistux mhuwiex meħtieġ li jinħolqu korpi amministrattivi ġodda, iżda madankollu l-proċess tal-adozzjoni ta' kwalunkwe rekwiżit 'il fuq mill-istandards tal-UE f'dawn il-pajjiżi għandu jkun trasparenti.

5.2.3. L-istess bħal f'opinjonijiet preċedenti ([11]), il-KESE jirrakkomanda t-twettiq ta' testijiet tal-SMEs fil-valutazzjonijiet tal-impatt dwar proposti għal atti leġislattivi Ewropej ġodda b'mod aktar effiċjenti. Huwa jappella lill-Istati Membri sabiex jieħdu vantaġġ ta' għażliet biex jagħtu eżenzjonijiet lil mikrointrapriżi dwar ċerti regoli f'konformità mad-dritt tal-UE. Il-KESE jtenni l-fehma tiegħu li l-miri għat-tnaqqis tal-piżijiet regolatorji għandhom ikunu bbażati fuq evalwazzjoni kompleta li tinkludi djalogu bejn is-soċjetà ċivili u l-partijiet interessati. Il-livell eżistenti ta' protezzjoni taċ-ċittadini, il-konsumaturi, il-ħaddiema, l-investituri u l-ambjent fl-Istat Membru m'għandux ikun iddubitat fl-implimentazzjoni tal-leġislazzjoni tal-UE ([12]).

5.2.4. Il-KESE jtenni l-parità u l-omoġeneità tal-għanijiet differenti tal-politiki tal-UE skont it-Trattat, filwaqt li jenfasizza b'mod partikolari ekonomija tas-suq li tkun soċjalment responsabbli b'kompetittività għolja, li timmira għal okkupazzjoni sħiħa għall-progress soċjali, u livell għoli ta' protezzjoni u ta' titjib tal-kwalità tal-ambjent.

5.2.5. Il-KESE jistieden lill-KE, kull meta jkun raġonevoli u ġġustifikat, sabiex tqis l-użu ta' mudelli bbażati fuq inċentivi kif ukoll standards u linji gwida internazzjonali.

## 6. **L-impatt fuq l-istandards tal-impjieg, tal-konsumatur u tal-ambjent**

6.1. Fid-deċennji riċenti, ġew stabbiliti għadd ta' standards minimi fl-UE kollha fir-rigward tal-ħarsien tal-konsumaturi, tal-ambjent u tal-ħaddiema li għandhom l-għan li jwettqu konverġenza 'l fuq tal-kundizzjonijiet tal-għajxien u tax-xogħol fl-Unjoni, jiġifieri aktar konverġenza soċjali skont l-Artikolu 151 tat-TFUE.

([11]) ĠU C 197, 8.6.2018, p. 1.
([12]) ĠU C 262, 25.7.2018, p. 22, pt. 4.7.1 u 4.8.3.

6.2. Il-leġislatur tal-UE deliberatament ħalla spazju għal standards minimi li għandhom jiġu implimentati mill-Istati Membri b'konformità mal-prinċipji tat-trattat tal-UE, speċjalment filwaqt li jirrispettaw il-proporzjonalità. B'riżultat ta' dan, id-direttivi jipprevedu li l-Istati Membri jistgħu jqisu l-istandards ogħla tagħhom fil-proċess tagħhom ta' implimentazzjoni. Il-KESE jenfasizza li, kull meta l-Istati Membri jiddeċiedu li jmorru għal standards ta' protezzjoni aktar ambizzjużi, il-prinċipji tar-Regolamentazzjoni Aħjar jistgħu jitqiesu, fost kunsiderazzjonijiet oħrajn.

6.3. Dawn l-istandards nazzjonali huma r-riżultat ta' proċessi ta' negozjati demokratiċi li jinvolvu b'mod konsiderevoli l-imsieħba soċjali Ewropej u nazzjonali u huma ta' benefiċċju għall-impjegati, il-konsumaturi u l-kumpaniji. F'konformità mal-għanijiet tat-Trattat tal-UE, l-istabbiliment ta' standards minimi bħal dawn għandhom jiżguraw il-funzjonament aħjar tas-suq uniku u fl-istess waqt ma jaffettwax ħażin il-livelli ta' protezzjoni ogħla fil-livell nazzjonali. Ħafna drabi, l-istandards minimi fil-liġi tal-UE jinkludu wkoll "klawsoli ta' nuqqas ta' rigressjoni" b'mod espliċitu li jgħidu li l-implimentazzjoni tad-Direttiva ma tistax tintuża bħala ġustifikazzjoni biex jitbaxxew standards nazzjonali ogħla eventwali għall-istandard Ewropew. Madankollu, dan ma jfissirx li l-istandards nazzjonali huma definittivi u ma jistgħu jinbidlu qatt.

6.4. Matul it-traspożizzjoni nazzjonali tal-liġi tal-UE, il-valutazzjonijiet tal-impatt jistgħu jintużaw mill-Istati Membri biex jikkontrollaw l-effetti soċjali, ekonomiċi u oħrajn.

6.5. Fil-politika soċjali, l-istess bħal fil-ħarsien tal-konsumatur u tal-ambjent, il-leġislazzjoni tal-UE tiżgura li standards ogħla fl-Istati Membri ma għandhomx ikunu mminati u għandhom jiġu mħarsa, filwaqt li l-partijiet interessati kollha jkunu inklużi fil-valutazzjonijiet tal-impatt. F'dan ir-rigward, il-KESE esprima kemm-il darba l-fehma li l-Aġenda għal Regolamentazzjoni Aħjar għandha twassal għal drittijiet tal-UE ta' kwalità għolja mingħajr ma timmina l-għanijiet ta' politika ewlenin jew toħloq pressjoni ta' deregolamentazzjoni fuq il-ħarsien soċjali u ambjentali kif ukoll fuq id-drittijiet fundamentali ([13]).

6.6. Il-KESE jtenni li l-istandards minimi Ewropej, speċjalment fil-kuntest tal-politika soċjali tal-UE, jimmiraw għal approssimazzjoni tal-kundizzjonijiet tal-ħajja u tax-xogħol madwar l-UE lejn konverġenza soċjali 'l fuq. Standards minimi fid-direttivi tal-UE ma għandhomx jinftiehmu bħala "livell massimu", li m'għandux jinqabeż matul it-traspożizzjoni tagħhom fis-sistemi legali nazzjonali.

6.7. Il-KESE jappoġġja l-proċess ta' Regolamentazzjoni Aħjar u jirrikonoxxi l-valur miżjud tagħha. Fl-istess waqt, iwissi li dan bl-ebda mod ma għandu jintuża bħala skuża għal tnaqqis fil-grad tar-rekwiżiti, speċjalment f'oqsma bħalma huma l-liġi tax-xogħol, tal-konsumatur u dik ambjentali, il-promozzjoni tat-tkabbir tal-prosperità u l-ħolqien ta' impjiegi sostenibbli. Il-KESE jwissi li dan se jħeġġeġ l-ewroxettiċiżmu dejjem jikber fost sezzjonijiet wiesgħa tal-popolazzjoni. Fil-fehma tal-KESE, l-aċċettazzjoni popolari tal-proċess ta' unifikazzjoni Ewropea m'għandhiex tkun preġudikata minn kompetizzjoni regolatorja permezz ta' tnaqqis tal-istandards.

Brussell, id-19 ta' Settembru 2018.

*Il-President*
*tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew*
Luca JAHIER

([13]) ĠU C 262, 25.7.2018, p. 22 (pt. 1.1 u 3.4.); ĠU C 303, 19.8.2016, p. 45 (pt. 2.1-2.2, 2.5); ĠU C 13, 15.1.2016, p. 192 (pt. 2.4).